TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

CCT/209/15/MS

**Raymond Pulis**

**vs**

**Mario Gatt eżerċenti il-kummerċ bħala Setronics**

Illum, 20 ta' Ġunju, 2016

Ra l-avviz tar-rikorrent tal-20 ta' Ottubru 2015.

Ra r-risposta tal-intimat tal-4 ta' Novembru 2015.

Sema x-xhieda, ra l-atti processwali.

**Ikkunsidra**

Irrizulta mill-provi illi f'Marzu 2014, ir-rikorrent xtrara television tal-marka Thomson 50 inch ghal prezz ta' 799.00 Dan il-bejgh kien kopert b'sentejn garanzija. Gara pero' illi skond ir-rikorrent, ftit gimghat wara li nxtara, it-television beda jintefa' u jerga' jixghel wahdu. Ir-rikorrent hadu ghand l-intimat fejn talab television gdid, izda l-intimat qallu bien jissaporti sakemm jiddentifika id-difett. Id-difett jidher li baqa' hemm tant li rega' mar ghand l-intimat li zammu ghal xi zmien. Ir-rikorrent gie infurmat illi kien inbidel il-motherboard. Pero id-diffett baqa' jippersisti u r-rikorrent irrikorra ghal dawn il-proceduri.

Illi l-intimat ighid illi l-ewwel darba li t-television gie ghandhom kien f'Mejju tal-2015 - u cjoe' sena wara li nxtara. Sakemm kien qieghed ghandhom it-television iffunzjona tajjeb u rega' nghata lura lir-rikorrent. Pero ir-rikorrent xorta baqa' jilmenta mill-istess difett u rega' hadu lura ghandhom. F'din t-tieni okkazzjoni ukoll it-television iffunzjona tajjeb ghand l-intimat, pero, biex ikunu certi biddlu l-motherboard u rega' nghata lura lill-klijent. Izda wara xi tlett gimghat rega' gie lura ghandhom bl-istess diffett. It-television nzamm ghand l-intimat ghall-iktar minn gimghatejn u f'dan iz-zmien kollu iffunzjona tajjeb. Tant li l-intimat qal li fiz-zmien li baqa' ghandu qatt ma ntefa' u rega' xeghel wahdu. Ghalhekk rega' nghata lura lir-rikorrent.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz ta' verbal tal-14 ta' Marzu 2016, it-Tribunal ordna lir-rikorrent sabiex iwiegeb ghal xi domandi specifikati fl-istess verbal u cjoe:

1) jekk hu ippruvax it-television in kwistjoni f'bnadi ohra tad-dar tieghu fejn ighid illi ghandu television sets ohra. Jekk iva, jghid jekk id-diffett immannifestax ruhu f'dawn il-postijiet l-ohra.

2) Jekk ippruvax television set iehor fil-kcina fejn illum hemm it-television in kwistjoni u jekk dan iffunzjonax tajjeb jew immanifesta wkoll id-difett.

3) Jekk l-esercizzji 1) u 2) ghadhom ma sarux, jordna li jsiru sad-differiment li jmiss.

4) Wara l-elenku ezebit mir-rikorrent immarkat bhala "Intefa it-television" - Dok A - jekk kienx hemm xi okkazzjonijiet ohra wara l-14 ta' Jannar 2016 fejn it-television mertu ta' dan il-kaz rega' ntefa u xeghel wahdu. U jekk iva, meta.

Ir-rikorrent irrisponda permezz ta' affidavit maghmul fl-24 ta' Marzu 2016 fejn wiegeb illi :

1. Ipprova it-television in kwistjoni f'bnadi ohra tad-dar fejn ghandu television sets ohra, izda d-diffett ma mmanifestax ruhu f'dawn il-postijiet l-ohra. B'dan pero illi hu ma jkunx il-hin kollu f'dawn il-postijiet u allura jista' jukn illi jkun mmanifesta ruhu id-difett u ma ndunax.
2. Improva television set iehor fil-kcina fejn illum hemm it-television in kwistjoni u anke t-television set li kien tani l-agent … u ma mmanifestax ruhu d-difett.
3. Wara l-elenku esebit mir-rikorrenti immarkat bhala 'intefa t-television' - Dok A - kien hemm okkazzjoni ohra fejn it-television in kwistjoni intefa' pero ma relax xeghel wahdu u dan kien fil-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena 2016 fis-sebgha u ghaxra (7.10pm).

**Ikkunsidra:**

Illi sabiex ir-rikorrent jirnexxi fit-talba tieghu irrid jipprova almenu sal-grad tal-probabbilita' li ghandu ragun u cjoe' li t-television in kwistjoni ghandu difett illi minhabba fih ir-rikorrent ma jistax igawdih kif suppost. Dan it-Tribunal m'ghandux raguni jiddubita minn dak illi xehed ir-rikorrent illi dan it-television xi kultant jintefa wahdu. Pero' mhuwiex daqshekk konvint illi dina hija konsegwenza ta' xi diffett fit-television jew inkella xi kawza estraneja dovuta ghas-supply tal-elettriku. Ir-rikorrent stess xehed fl-avvidat illi meta huwa pprova t-television set fi bnadi ohra tad-dar, almenu meta hu kien prezenti d-diffett ma mmanifestax ruhu u meta pprova television set iehor fil-kcina fejn l-ewwel television kien ikun, dan it-tieni television ma mmanifesta l-ebda difett. Ghalhekk huwa aktar probabbli illi l-problema mhijiex it-television innifsu izda s-supply tal-elettriku illi jista' jkun ma tkunx regolari.

Illi kif tajjeb irrileva il-konvenut hemm differenza ben television set u iehor u certi sistemi huma aktar sensittivi ghal supply regolari tal-elettriku b'tali mod illi jekk dina ma tkunx stabbilita it-

television stess jista' jintefa wahdu sabiex jigi evitat il-hsara. Jista' jkun illi dina hija l-kawza tal-problema tar-rikorrent li tista' tigi solvuta bl-installazzjoni ta' voltage stabiliser fil-propjeta' tieghu. Tajjeb jew hazin f'dan l-istadju tal-provi li ngabu quddiem din it-Tribunal, ma jistax jikkonkludi li r-rikorrent irnexxielu jipprova l-kaz tieghu fi grad li trid il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent b-ispejjes kontra tieghu.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**